# PJAZZA TEATRU RJAL

Merħba fi

# PJAZZA TEATRU RJAL

*l-ispazju performattiv apert fil-qalba tal-Belt Valletta*

Merħba fi Pjazza Teatru Rjal, l-ispazju performattiv apert fil-qalba tal-Belt Valletta. Sabiex naċċertaw ruħna li l-esperjenza tagħkom fi Pjazza Teatru Rjal tkun waħda mill-aktar pjaċevoli nistednukom sabiex taqraw dawn ir-regolamenti.

Li wieħed jixtri biljett jew jattendi attività fi Pjazza Teatru Rjal jimplika li jaċċetta dawn irregolamenti. Nirringrazzjawkom tal-kooperazzjoni tagħkom.

Welcome to

# PJAZZA TEATRU RJAL

*the open air performance space in the heart of Valletta*

Welcome to Pjazza Teatru Rjal, the open air performance space in the heart of Valletta. In order to ensure that your experience at Pjazza Teatru Rjal is a most enjoyable one we invite you to read through these regulations.

Purchasing of tickets or attendance at Pjazza Teatru Rjal implies the acceptance of these regulations. We thank you for your cooperation.



# Regolamenti tat-teatru

1. It-tipjip (inkluż l-użu ta’ sigaretti elettroniċi) u ikel (inkluż *chewing gum*) huwa strettament ipprojbit fit-teatru.
2. Xorb fit-teatru huwa permess biss f’kontenituri tal-*plastic*, iżda nitolbu l-kooperazzjoni tagħkom sabiex tiddisponu mill-kontenituri vojta kif xieraq.
3. Sakemm mhux awtorizzati mit-teatru, l-użu ta' kameras jew apparat ieħor ta’ kull xorta li jirrekordja huwa strettament ipprojbit waqt l-attivitajiet.
4. Telefowns ċellulari, *beepers/pagers*, arloġġi bl-alarm, *iPods*, *video games*, werrejja bil-*laser* eċċ … għandhom jintfew qabel ma wieħed jidħol fit-teatru.
5. Bl-eċċezzjoni ta’ klieb tal-gwida, annimali mhumiex permessi fit-teatru.
6. It-tmexxija tat-teatru mhijiex responsabbli għal kwalunkwe telf, serq jew ħsara ta' affarijiet personali.
7. Jingħata avviż meta tkun se tibda attività u fi tmiem l-intervall. Nitolbukom tisimgħu b'attenzjoni u tieħdu postkom minnufih.

# House Rules

1. Smoking (including the use of e-cigarettes) and eating (including chewing gum) is strictly prohibited within the precincts of the theatre.
2. Patrons are welcome to take drinks (in plastic containers only) into the theatre and we ask for your cooperation to dispose properly of empty receptacles.
3. The use of cameras or other recording devices of any kind is strictly prohibited during performances unless duly authorised by the theatre.
4. Mobile phones, beepers/pagers, alarm watches, iPods, video game systems, laser pointers etc… must be turned off prior to entering the theatre.
5. With the exception of guide dogs, animals cannot be allowed inside the venue.
6. The management of the theatre is not liable for any loss, theft or damage of personal belongings.
7. An announcement will be made to indicate the start at the beginning and after the interval. Please listen carefully and return to your seats accordingly.

# Dħul fi Pjazza Teatru Rjal

1. Wieħed għandu jkollu biljett validu sabiex jattendi attività fi Pjazza Teatru Rjal. Il-biljett għandu jkun disponibbli sabiex jiġi spezzjonat mill-istaff tat-teatru jekk ikun hemm il-ħtieġa.
2. Detenturi tal-biljetti għandhom ipoġġu biss fis-siġġijiet allokati lilhom. Meta l-biljetti ma jindikawx in-numru tas-siġġu, wieħed jista' jpoġġi - fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel - fiż-żoni indikati lilu mill-istaff ta' Pjazza Teatru Rjal jew mill-uffiċjali tas-sigurtà.
3. Min jasal tard jew għal xi raġuni jkollu joħroġ mit-teatru wara li tkun bdiet ir-rappreżentazzjoni għandu jistenna sakemm ikun il-waqt opportun sabiex dak li jkun jieħu postu.

# Admission to Pjazza Teatru Rjal

1. Patrons must be in possession of a valid ticket at all times that must be handed over for inspection by Pjazza Teatru Rjal staff when requested. Ticketholders must sit in the seats allocated to them.
2. Free-seating events will be on a first-come-first-served basis within the areas indicated by Pjazza Teatru Rjal staff or security.
3. Latecomers will only be admitted at a suitable point. Likewise patrons must accept that, if required to leave the theatre while a performance is in progress, they may not be allowed back inside the theatre until an appropriate opportunity.



# Sigurtà

1. Is-sigurtà tiegħek fi Pjazza Teatru Rjal hija importanti ħafna għalina. Għaldaqstant nitolbukom tosservaw ir-regolamenti tat-teatru dwar saħħa u sigurtà li jitħabbru qabel il-bidu tal-attività jew inkella kif jista' jkun indikat mod ieħor mill-istaff tat-teatru.
2. Huwa strettament ipprojbit li wieħed jitla' fuq il-palk f'kull ħin: qabel, matul u wara l-attività. Membru tal-udjenza jista' jitla' biss fuq il-palk jekk ikun mistieden minn wieħed mill-artisti u, jekk jaċċetta, ikun qed jagħmel hekk b'riskju proprju tiegħu jew tagħha.
3. Huwa strettament ipprojbit li ddaħħal fit-teatru oġġetti li b'xi mod jistgħu jikkawżaw ħsara jew inkonvenjenza lill-individwu stess, lil membri oħra tal-udjenza, lill-istaff tat-teatru jew lill-artisti.
4. Persuni li jkollhom fil-pussess tagħhom strumenti jew materjal perikoluż, li jirrifjutaw li jkollhom il-basktijiet tagħhom iċċekkjati mill-uffiċjali tas-sigurtà f'każ ta' suspett inkella li jistgħu potenzjalment joħolqu theddida għas-sigurtà tat-teatru, jew ma jitħallewx jidħlu fit-teatru jew jintalbu li jħallu l-post mingħajr ma jkollhom id-dritt li jitolbu l-ħlas tal-biljett lura.

# Security

1. Your security at Pjazza Teatru Rjal is very important to us. Patrons must therefore observe the theatre's safety and security regulations as advertised before a performance or as otherwise indicated by the theatre's staff.
2. Access to the stage is strictly prohibited at all times: before, during and after a show. If a member of the audience accepts a specific invitation to go on stage by one of the performers, the member of the audience consents to doing so at his/her own risk.
3. Objects that may cause harm or inconvenience in any way to oneself, fellow members of the audience, theatre staff or performers are strictly prohibited.
4. Patrons who are in possession of dangerous instruments or material, who refuse to have their bags security checked if required or who – in the view of the security personnel – may pose a potential threat to the security and safety of the theatre, will be refused entry in the venue or may be asked to leave without any right of ticket refund.



5. Mhuwiex permess li jiddaħħlu *pushchairs*, *prams*, *scooters*, *roti*, *crash helmets* u oġetti goffi jew li jistgħu jkunu ta' periklu fit-teatru peress li dawn jistgħu joħolqu tfixkil bla bżonn f'każ ta' evakwazzjoni jew theddida għas-sigurtà. Kulħadd huwa mitlub li josserva d-direzzjonijiet mogħtija mill-uffiċjali tas-sigurtà.

6. Ħadd ma jista' jaqbeż, jixxabbat jew jitla' fuq xtiebi, poġġamani jew fuq il-fdalijiet tat-teatru jew b'xi mod jimblokka l-passaġġi jew xi ħruġ tal-emerġenza.

7. F'każi ta' raġunijiet ta' saħħa u sigurtà, jekk ikun hemm possibilità li jiġu kkawżati ħsarat ambjentali jew f'każ ta' biljett li mhuwiex validu, id-direzzjoni tat-teatru tirriżerva d-dritt li twaqqaf persuna milli tidħol jew titlob persuna li tħalli t-teatru. Id-direzzjoni tat-teatru tista' tieħu kwalunkwe azzjoni addattata sabiex jiġi infurzat dan id-dritt.

5. Pushchairs, prams, scooters, bicycles, crash helmets and other bulky or potentially dangerous objects will not be allowed inside the theatre as these may cause unnecessary hindrance in the eventuality of an evacuation or a security threat. Patrons are requested to observe the directions given to them by the security personnel.

6. It is strictly prohibited to trespass, climb over gates or railings, step on the old theatre ruins or block passages or emergency exits.

7. The management reserves the right to refuse entry or request audience members to leave the venue at any point on reasonable grounds of health and safety, environmental or security concerns or where a ticket is void. The management may take any appropriate action to enforce this right.

# It-temp

1. Pjazza Teatru Rjal huwa spazju performattiv apert. Għaldaqstant kull min jattendi attività għandu jaċċetta li t-temp, il-klima, it-temperatura u l-kundizzjonijiet ta' dwal esterni huma parti integrali mill-esperjenza fi Pjazza Teatru Rjal.
2. Filwaqt li jsir kull sforz sabiex kull avveniment iseħħ skont kif ippjanat, it-teatru jirriżerva d-dritt li jwaqqaf u jkompli attività jekk ikun hemm bżonn. Attivitajiet jistgħu jiġu kkanċellati jew jitwaqqfu f'każ ta' maltemp jew fejn ikun hemm kundizzjonijiet li t-tmexxija tat-teatru tqishom bħala theddida għas-saħħa u s-sigurtà tal-artisti u / jew tal-udjenza.
3. Għal raġunijiet li jistgħu jinkludu – iżda mhux biss – kundizzjonijiet jew tbassir tat-temp, il-produttur jew it-tmexxija tat-teatru jistgħu jiddeċiedu li jittardjaw il-bidu ta' attività. F'każi bħal dawn, il-bidu ta' attività jista' jittardja sa 60 minuta qabel ma l-avveniment jiġi definittivament ikkanċellat jew pospost.
4. Jekk avveniment jiġi kkanċellat, it-tmexxija tat-teatru tħabbar dan fuq il-mezzi soċjali tat-teatru. Kanċellazzjonijiet ma jistgħux jiġu kkomunikati b'mod individwali lill-membri tal-udjenza.

# Weather

1. Pjazza Teatru Rjal is an open air performance space. Patrons therefore accept that weather, climate, temperature and external light conditions are an integral part of the experience at Pjazza Teatru Rjal.
2. While we will make every effort to complete each event, we reserve the right to stop and start a performance if necessary. Events may be cancelled or abandoned in the event of bad weather or where circumstances are deemed by the management to pose a health & safety risk for the performers and/or the audience.
3. In some cases, the producer or the management may choose to delay the start time of a show for reasons including, but not limited to, weather conditions or forecasts. Start time may be delayed by up to 60 minutes before definitely cancelling or postponing an event.
4. If an event is cancelled, the management will announce this at the venue and via the theatre's social media. Cancellations cannot be communicated individually to patrons.

# Tfal



1. It-tmexxija tat-teatru tirriżerva d-dritt li żżid ir-restrizzjonijiet tagħha ta' età għal kull produzzjoni. Qabel jinxtraw il-biljetti, il-ġenituri jew kustodji għandhom jiċċekkjaw u jiddeċiedu huma stess jekk il-produzzjoni hijiex addattata għal uliedhom.
2. Għal raġunijiet ta' sigurtà, tfal taħt is-sittax-il sena għandhom ikunu akkumpanjati minn persuna adulta. It-tfal kollha għandu jkollhom biljett u joqogħdu fis-siġġu tagħhom.
3. Mhuwiex permess li jiddaħħlu *pushchairs* jew *prams* fit-teatru peress li dawn jistgħu joħolqu tfixkil bla bżonn f'każ ta' evakwazzjoni. Il-ġenituri/il-kustodji huma mitluba li josservaw id-direzzjonijiet mogħtija lilhom mill-uffiċjali tas-sigurtà.
4. It-tmexxija tat-teatru tirriżerva d-dritt li titlob lill-ġenituri jew kustodji ta' tfal storbjużi li jkunu qed itellfu persuni oħra sabiex iħallu l-post mingħajr id-dritt li jintalab lura l-ħlas tal-biljetti.

# Children

1. The management reserves the right to add its own age restrictions and recommendations to any production; parents should check each production prior to booking and make their own judgement as to the suitability of a show for their own child.
2. For safety reasons, children under the age of sixteen are to be accompanied by an adult. All children are required to be in possession of a ticket and occupy a seat of their own.
3. Pushchairs or prams will not be allowed inside the theatre as these may cause unnecessary hindrance in the eventuality of an evacuation. Parents/guardians are requested to observe the directions given to them by the security personnel.
4. At the management's discretion and in the interest of the event and of other patrons, parents with noisy children may be asked to leave the venue without the right to claim for refund.



# Kodiċi ta' lbies

1. Għalkemm ilbies każwali huwa ġeneralment aċċettabbli waqt rappreżentazzjoni fi Pjazza Teatru Rjal, xorta waħda huwa mitlub li jintlibes ilbies addattat. It-tmexxija tat-teatru tirriżerva d-dritt li tirrifjuta li ddaħħal persuna fit-teatru f'każ li din il-persuna ma tkunx liebsa b'mod xieraq u diċenti, anki jekk ikollha biljett validu u mingħajr ma jkollha d-dritt li titlob lura l-flus tal-biljetti.
2. Is-servizz ta' *cloakroom* mhuwiex normalment disponibbli fit-teatru.

# Dress

1. Although a casual dress code is generally acceptable when attending an event at Pjazza Teatru Rjal, patrons' discretion is nevertheless required. The management reserves the right to refuse entry to any patron – even if in possession of a valid ticket and without the right to claim for refund – if in the management's view the patron is not suitably or decently dressed.
2. Cloakroom service is not normally available at the venue.

# Aċċess għas-siġġijiet bir-roti



1. Pjazza Teatru Rjal huwa mgħammar b'faċilitajiet għall-persuni bi bżonnijiet speċjali sabiex kulħadd ikun jista' jgawdi r-rappreżentazzjonijiet f'kumdità xierqa. Jeżisti aċċess għat-teatru u għall-faċilitajiet sanitarji permezz ta' rampi u lift. Persuni bi bżonnijiet speċjali huma meħtieġa li jinfurmaw lill-biljetterija jew lill-produtturi u għandhom jaslu mill-inqas 20 minuta qabel il-ħin tal-bidu. Mal-wasla tagħhom għandhom jinfurmaw lill-uffiċjali tas-sigurtà. L-aċċess għas-siġġijiet tar-roti huwa mill-entratura tal-ġenb li tinsab fi Triq l-Ordinanza.
2. Persuni li jakkumpanjaw utenti ta' siġġijiet bir-roti xorta waħda għandu jkollhom biljett validu.

# Wheelchair Access

1. Pjazza Teatru Rjal is equipped with facilities for the disabled so that anyone can enjoy performances with maximum comfort. Lifts and ramps ensure easy access to the auditorium and to the disabled restrooms. Patrons with special needs are required to inform the box office/producer and should plan to arrive at least 20 minutes before curtain time and inform the security personnel. Wheelchair access is via the side entrance situated in Ordinance Street.
2. Patrons accompanying wheelchair users need to be in possession of a valid ticket.

# Oġġetti mitlufa u misjuba

1. F'każ li jintilfu jew jinstabu xi oġġetti, nitolbukom tkellmu lill-uffiċjali tas-sigurtà jew tinfurmaw lid-direzzjoni tat-teatru fuq l-indirizz elettroniku **contact@pjazzateatrurjal.mt**
2. Oġġetti misjuba li sidhom ma jiġix għalihom sa żmien ħamest ijiem ta' xogħol mill-ġurnata tar-rappreżentazzjoni, jittieħdu l-għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta.

# Lost & Found

1. For Lost & Found items please refer to the security personnel or by e-mail to **contact@pjazzateatrurjal.mt**
2. Lost items not claimed within five working days from the performance day will be handed over to the Valletta Police.